MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 694/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Michael Bianco**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael Bianco, bin il-mejjet Emanuel u Mary nee' Zammit, imwieled tal-Pieta' fit-13 ta' Novembru 1964 u residenti 75, 'SITEPLANT', Block 'C', Flat 1, Triq is-Sajjied, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita' numru 692662(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-29 ta’ Gunju 2009 ghal habta ta’ bejn 12.00 pm, u s-1.00pm., waqt li kien fil-bajja tal-Mistra limiti tal-Mellieha, attakka lil Charlot Mallia u sussegwentement tah daqqa ta’ ponn fuq halqu bil-konsegwenza li tajjarlu sinna u b’hekk ikkagunalu ferita ta’ natura gravi u sfregju permanenti u dan skond ma kif iccertifika t-tabib Dr. Joseph Scicluna MD tac-centru tas-sahha tal-Mosta.

Fl-istess data, hin u lok, waqt li kien fil-pussess ta’ arma li taqta’ u bil-ponta, xejjer l-istess arma fid-direzzjoni tal-imsemmi Charlot Mallia bil-konsegwenza li kkagunalu ferita ta’ natura hafifa u dan skond ma kif iccertifika t-tabib fuq imsemmi. U aktar talli waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt, garr fuqu arma regolari u talli kellu fil-pussess tieghu l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data, hin u lok, ikkaguna hsara volontarja fuq il-‘blue tooth’ tal-mobajl liema hsara ma taccedix il-116 Euro u dan ghad-dannu tal-imsemmi Charlot Mallia.

Fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u glied.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta’ Lulju, 2010 (esebita a fol. 140 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 214, 221(1) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta’ Dicembru, 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fid-29 ta' Gunju, 2009 bejn l-12.00 pm u s-1.00 pm fil-Bajja tal-Mistra, precizament fil-parking area tal-fish farm li hemm f'din il-lokalita'. Mill-provi rrizulta li l-parti civili Charlot Mallia kellu t-trukk bil-container parkeggjat fl-entratura tal-fish farm fejn kien qed jitghabba xi xoghol fl-istess container. Irrizulta wkoll li Chantelle Bianco[1] marret tipparkeggja l-vettura taghha vicin it-trukk u l-container tal-parti civili u hija tghid li huwa beda' jghajjat maghha u jkellimha b'mod arroganti tant li hija wara li nehhiet il-karozza parkeggjata x'imkien iehor nizlet fil-kamra tal-imputat li huwa missier ir-ragel taghha u fejn kellhom jiltaqghu ghal barbecue u kienet imbikma u skonvolta. Kemm hi kif ukoll l-imputat jghidu li l-istess imputat meta raha hekk tela' l-fish farm sabiex jivverifika il-ghala hija kienet giet trattata b'dak il-mod. Mill-provi rrizulta li nqala' battibekk bejn l-imputat u Charlot Mallia fejn dan tal-ahhar spicca sabiex qala' daqqa ta' ponn u tilef sinna kif ukoll kellu qatgha superficjali f'zaqqu u l-flokk li kien liebes imqatta'.

Il-parti civili Charlot Mallia meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tal-10 ta' Dicembru, 2009 u tat-2 ta' Mejju, 2011 cahad li huwa kien ghajjat ma Chantelle Bianco jew li beda' jidghi u jkellimha hazin u spjega li meta gie l-imputat sabiex jikkonfrontah u jistaqsih il-ghala kien tratta lil Chantelle b'dak il-mod huwa qallu li seta' jmur jghid lil Chantelle tigi fuq il-post sabiex jiskuza ruhu maghha izda l-imputat mar ghalih u tah daqqa ta' ponn f'halqu bil-konsegwenza li nkisritlu sninu u meta mar jahsel wiccu fl-ufficcju tal-fish farm huwa nduna li kellu l-flokk imqatta' u griehi superficjali f'zaqqu. Huwa qal li fl-ebda hin ma ra xi arma f'idejn l-imputat u spjega li l-istess imputat rifes fuq l-

[1] Li xehdet f'dawn l-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2010.

apparat tal-bluetooth li kellu u kisru. Il-griehi li xehed dwarhom Charlot Mallia lkoll gew riskontrati minn Dr. Joe Scicluna u cioe' it-tabib li ezaminah fil-Mosta Health Centre[2] u inoltre d-dentist Dr. Christian Gauci li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2010 indika li Charlot Mallia kien diga' inghata kura minhabba s-sinna li kien tilef fejn kienet giet impoggija sinna temporanja u li ghal dan it-trattament Mallia kien hallas €45. Huwa indika ukoll li kien hemm bzonn li jsir trattament ulterjuri fejn wara li jsir root treatment isir ukoll bridge bejn is-sinna li kienet intilfet u z-zewg sinniet li kien hemm madwarha u indika li t-trattament kien ser jiswa €1250. Mill-provi ma rrizultax li dan it-trattament ulterjuri effettivament sar.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fid-29 ta' Gunju, 2009 fejn indika li kien mar sabiex jara il-ghala il-parti civili kien ghajjat mal-mara tat-tifel u meta staqsih dan irrisponda li hija kienet ipparkjat hazin u kien qalilha sabiex iccaqlaq il-vettura. Huwa qal li meta kien ser jitlaq kien hemm persuna ohra mill-fish farm li staqsietu x'kien gara u huwa sema' lil Mallia jghid xi kliem pastaz li jindka li huwa ma kienx jimpurtah ghal dak li ghamel u l-imputat jghid li huwa meta sema' dawn il-kliem rega' dar u tah daqqa ta' ponn f'halqu. L-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 t'Ottubru, 2011 ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija fejn rega' irribadixxa li huwa ma kellu xejn f'idejh u qal li ma kienx liebes flokk izda kellu c-cwievet fil-but.

Ikkunsidrat;

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Dan jinghad ghaliex mix-xhieda ta' Charlot Mallia, liema xhieda giet korroborata minn Victor Spiteri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta'

[2] Certifikat mediku relattiv inserit a fol. 19 tal-atti processwali liema certifkat gie debitament konfermat mill-istess Dr. Scicluna li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 t'Ottubru, 2009.

Dicembru, 2009, jirrizulta ampjament li l-imputat mar sabiex jikkonfrontah u fajjarlu daqqa ta’ ponn u kissirlu sinna kif ukoll rifislu fuq l-apparat tal-bluetooth u kissirulu. Il-fatt li l-imputat fajjar daqqa ta’ ponn lil Mallia tirrrizulta anki mill-istqarrija tal-imputat u mix-xhieda tieghu u tirrizulta car mill-istills mehuda mic-CCTV recording liema stills saru mill-espert mahtur minn din il-Qorti, Dr. Steven Farrugia Sacco[3]. L-imputat isostni li huwa gie provokat minn Mallia izda l-Qorti jidrilha li l-imputat irritalja b’mod ghal kollox sproporzjonat ghalll-provokazzjoni ta’ Mallia liema provokazzjoni kienet tikkonsisti biss fi kliem filwaqt li r-ritaljazzjoni kienet wahda fizika fejn gew kagunati griehi ta’ natura gravi. Dwar il-girfa superficjali li Mallia kellu f’zaqqu u l-flok imqatta’ izda, l-Qorti ma jidrilhiex li mill-provi rrizulta li dawn gew kagunati mill-imputat kif l-anqas ma rrizulta li huwa kien fil-pussess ta’ xi arma li taqta’ jew li uza din l-arma sabiex iqatta’ l-flokk ta’ Mallia u kkagunalu l-ferita f’zaqqu. Dan jinghad ghaliex kemm Maliia kif ukoll Spiteri qatt ma ndikaw li l-imputat kellu xi haga f’idu u inoltre minn ezami tac-CCTV recording minn imkien ma jidher li l-imputat kellu xi arma fuqu.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-parti civili xehed li huwa kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li gara u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha l-piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja. Il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha timponi l-provvedimenti tal-Artikolu 28H ghall-ammont kollu ndikat minn Dr. Christian Gauci ghaliex kif diga’ gie rilevat aktar il-fuq mill-provi rrizulta li t-trattament indikat minn Dr. Gauci qatt ma sar fl-intier tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-21 ta’ Lulju, 2010 u senjatament l-Artikoli 17, 214, 216(1)(b) u 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-

[3] Rapport relattiv inserit a fol. 74 et sequitur tal-atti processwali.

konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas lil Charlot Mallia s-somma ta' hamsa u erbghin ewro (€45).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€535.99) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------